**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernardette Valletta)**

**vs**

**Emerson Vella**

**Kumpilazzjoni 177/2019**

**Illum 12 ta' Awwissu 2019**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Emerson Vella detentur tal-karta tal-identita bin-numru 304093 (M) billi akkuzat talli nhar id- 9 ta' Marzu 2015, ghal-habta tas-01:30hrs gewwa Triq Dun Karm, l-Msida waqt li kien qed isuq vettura bin-numru tar-registrazzjoni DBU 457, tal-ghamla Volkswagen Golf:

1. B'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamneti ikkaguna l-mewt ta' Catherine Fenech minn Birkirkara u dan bi ksur ta' Artikolu 225(1) tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkaguna feriti ta' natura gravissima bil-konsegwenzi msemmija fl-artikolu 218 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta fuq il-persuna ta' Catherine Fenech minn Birkirkara u dan bi ksur ta' Artikolu 226(1)(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, habat u kkaguna hsara fil-vettura tar-registrazzjoni FBL 639 ghad-dannu ta' Catherine Fenech minn Birkirkara, u minhabba dan ikkaguna l-mewt stess ta' l-istess Catherine Fenech minn Birkirkara u dan bi ksur ta' Artikolu 328(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq vettura bin-numru tar-registrazzjoni DBU 457 b'manjiera traskurata u perikoluza kif wkoll b'velocita eccessiva u dan bi ksur ta' Artikolu 15 (1) (a) (2) tal-Kap 65 tal-Ligijietta' Malta;
5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq vettura bin-numru tar-registrazzjoni DBU 457 fit-triq meta ma kienx f' kundizzjoni li jsuq minhabba xorb alkoholiku u dan bi ksur ta' Artikolu 15 A (1) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta;
6. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq vettura bin-numru tar-registrazzjoni DBU 457, wara li kkonsma tant alcohol li l-proporzjon tieghu fin-nifs, fid-demm jew fl-urina kien izjed mil-limitu preskritt u dan bi ksur ta' Artikolu 15B (1) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija , barra li tinfliggi il-piena stabbilita skont il-Ligi, tordna wkoll l-iskwalifika ta' kull licenzja tas-sewqan fil-konfront ta' Emerson Vella ghal-dak il-perjodu ta' zmien li din il-Qorti jidrilha xieraq.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex barra milli tapplika l-piena stabbilita mill-Ligi, tordna lill-akkuzat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti fil-21 ta' Marzu 2019 u dan wara li l-Qorti diversament presduta astjeniet milli tkompli tiehu konjizzjoni tal-kawza minhabba li l-ewwel akkuza eccediet il-kompetenza taghha (*a fol.* 260);

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali datat 20 ta' Marzu 2019 (*a fol.* 261);

Semghet sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u d-Difiza fis-26 ta' April 2019 (*a fol* 276);

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha;

Rat in-nota tad-difiza fejn esebew ftehim li ntlahaq bejn il-kumpanija assiguratrici u l-*parte civile* fit-3 ta' Awwissu 2018 fejn thallas kumpens ta' Euro 131,177.49 (*a fol* 281 *et. seq.*);

**Fatti dwar il-kaz**

Nhar id-9 ta' Marzu, 2015 ghall-habta tas-01:30am, il-Pulizija tal-ghassa tal-Imsida giet infurmata li kien ghadu kif sar accident tat-traffiku gewwa Triq Dun Karm, Birkirkara direzzjoni lejn l-Imsida, fejn wara li vettura dahlet gewwa vettura ohra li kienet ipparkjata, mad-daqqa, mara mhux maghrufa li kienet biswit il-vettura taghha pparkjata, intlaqtet mill-vettura u spiccat mal-art.

Il-Pulizija marru fuq il-post fejn minn investigazzjoni preliminari rrizulta illi wara li Catherine Fenech marret tassisti lil binha Ishmael Fenech, li kien ghadu kif waqaf bil-vettura tieghu fi Triq Dun Karm, Birkirkara u hekk kif kienet qieghda tiftah il-vettura taghha tat-tip Toyota Paseo bin-numru ta' registrazzjoni FBL 639, vettura tat-tip Volkswagen Golf bin-numru ta' registrazzjoni DBU 457, misjuqa mill-imputat Emerson Vella, laqtet lilha u lill-vettura taghha.

Catherine Fenech ittiehdet l-isptar Mater Dei b'ambulanza fejn Dr. David Grima MD iccertifika li kienet qieghda fil-periklu li titlef hajjitha.

It-triq giet maghluqa ghall-access tas-sewwieqa u x-xena giet ippreservata.

Emerson Vella ttiehed l-ghassa tal-Imsida fejn wara li gie mwissi hu accetta li jittiehidlu t-test tan-nifs fejn irrizulta pozittiv ghall-alkohol.

Il-vetturi nvoluti kienu koperti b'polza tal-assigurazzjoni.

Il-Qorti diversament preseduta kienet infurmata li Catherine Fenech mietet fl-1 ta' April 2017 (aktar minn sentejn wara l-incident) waqt li kienu diga' ghaddejjin il-proceduri fil-konfront tal-imputat (*a fol.* 265);

*XHIEDA*

F'dan il-process xhedu tmintax (18) -il xhud kif gej:

Nadia Ciappara; Spettur Jean Farrugia; PC 1525 Patrick Farrugia; PS 157 Brian Mifsud; PC 336 Francesco Imbroll; Dr Mario Buttigieg; Joseph Zammit; WPS 325 Victoria Fenech Buontempo; Giannella Fenech; PC 1525 Patrick Farrugia; Dr Edward Bellia; Ishmael Fenech; Emanuel Cilia; Dr Mario Buttigieg; Emanuel Cilia; PC 912 Gilmore Bugeja; Richard Aquilina; Glenn Grixti,

**KONSIDERAZZJONIJIET LEGALI GENERALI**

**Preliminari**

Din hija Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Quddiemha persuna jew persuni jigu mixlija li wettqu reati kriminali. Il-Qorti hija adita bl-imputazzjonijiet li jingiebu quddiemha u li jkunu maghmula mill-prosekuzzjoni. Hemm limitu kemm il-Qorti tista' tkun flessibbli fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-imputazzjonijiet li jingiebu quddiemha.

Għalkemm verament li l-komparixxi li fuqha hemm l-imputazzjonijiet hija ritenuta bħala *un avviso a comparire,* l-imputazzjonijiet huma dejjem ta' indoli penali. Ir-regoli tal-procedura ma jistgħux jigu interpretati b'mod wiesa' tali li l-parametri tal-azzjoni penali jigu spustati jew mibdula. Altrimenti d-difiza ma tkunx tista' tiddefendi ruħha kif jixraq.

Quddiem din il-Qorti jekk persuna tinstab ħatja teħel piena. Jekk ma tinstabx ħatja tigi meħlusa mill-imputazzjonijiet dedotti. Il-valutazzjoni dwar jekk persuna tkunx ħatja jew le tiddependi dejjem fuq il-provi li jingiebu quddiemha (u quddiem ebda post jew medium ieħor) u l-istess valutazzjoni hija marbuta mal-imputazzjonijiet kriminali li jkunu gew miktuba u prezentati quddiemha mill-Pulizija Ezekuttiva jew skont kif ikunu gew mizjuda jew mibdula fl-istadju opportun – u dejjem mhux aktar tard minn meta l-Prosekuzzjoni tkun iddikjarat il-provi tagħha magħluqa. Altrimenti jekk ma jkunx hekk l-akkuzatur ikun jista' jbiddel il-parametri tal-azzjoni penali skont meta jidhirlu u skont l-andament ta' dak li jkun qed iseħħ jew li jkun irrizulta matul il-kors tal-process penali.

Għalkemm hemm element ta' flessibilita' provdut minn certu gurisprudenza fir-rigward tal-procedimenti quddiem dawn il-Qrati ta' gurisdizzjoni limitata, din il-flessibilita' trid tkun tali li ma tkunx ta' pregudizzju għall-proceduri penali u għad-drittijiet tad-difiza.

Is-setgħat ta' din il-Qorti u r-rimedji li din il-Qorti tista' tagħti f'kull kaz huma limitati u ristretti għal dawk li huma previsti mill-Ligi u

fil-Ligi. Din il-Qorti ma għandiex is-setgħa, ossia *carte blanche* li tiddeciedi kif trid u tipprovdi kull rimedju li jidħlilha f'moħħha jew li trid jew li tkun tixtieq tagħti. Il-provvedimenti tagħha huma limitati għal dawk provduti fil-Kodici Kriminali.

**Din il-Qorti ma tistax tieħu post jew tissostitwixxi l-Qorti Civili kompetenti jew tagħti rimedji ta' natura civili li ma humiex prevvisti mill-Kodici Kriminali bħala li jistgħu jigu emanati minn Qorti ta' Gudikatura Kriminali.**

F'kull kaz pero', stante li din hija Qorti ta' Gudikatura Kriminali hija marbuta bit-termini tal-imputazzjoni skont kif spjegat aktar 'il fuq. Aktar minn hekk quddiemha huwa dmir tal-Prosekuzzjoni li tipprova l-kaz tagħha skont kif proferit fl-imputazzjoni kontestata sal-grad ta' konvinciment morali u sufficjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. Mill-banda l-oħra jekk id-difiza tagħzel li tressaq xi provi jew sottomissjonijiet kif sar f'dan il-kaz, huwa bizzejjed għad-difiza li tikkonvinci lil Qorti bit-tezi tagħha fuq bazi ta' konvinciment morali li jistrieħ fuq bilanc ta' probabbilita u f'kaz li dan iseħħ, u l-Qorti ma tħossiex moralment konvinta li l-Prosekuzzjoni laħqet il-grad ta' prova rikjesta minnha, allura l-Qorti trid tillibera lill-imputat.

Dawn huwa principji kardinali li jsawru l-procediment penali Malti. Jogħgbuna jew ma jogħgbuniex, dawn huma wħud mir-regoli bazilari li jistrieħ fuqhom il-procediment penali Malti.

Biss din il-Qorti ma tistax tieqaf hawnhekk. Hija marbuta li tiggudika dan il-kaz skont l-akkuza li giet magħmula mill-

Prosekuzzjoni kontra l-imputat u ma tistax tbiddel hi bis-setgħa tagħha stess il-parametri tal-kawza intrapriza mill-Prosekuzzjoni u tiddeciedi kif jiftlilha jew tmur lil hinn mill-imputazzjonijiet prezentati lilha mill-Prosekuzzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Kuntrarjament ghall-kamp civili fejn min iressaq pretensjoni ikun irid jipprova tali pretensjoni fuq bilanc ta' probabiltajiet, il-livell ta' prova fil-kamp kriminali huwa wiehed pjuttost oneruz fuq il-Prosekuzzjoni. Il-Prosekuzzjoni ghandha l-obbligu li hija tressaq l-ahjar prova biex tikkonvinci lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati lill-imputat jew imputati huma veri. Dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890): *"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit"*.

Kif kellha l-opportunita` tiddikjara din il-Qorti kif preseduta fi pronuncjamenti precedenti, sabiex imputat jigi ddikjarat hati, l-imputazzjoni dedotta ghandha tigi pruvata *oltre* kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni. Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 il-Qorti taghmilha car li mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex l-imputat jigi ddikjarat liberat, hemm bzonn li *"dubju jkun dak dettat mir-raguni"*. F' sentenza ohra moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta'

prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-Gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz **Miller vs. Minister of Pension** - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "*proof beyond a reasonable doubt*":

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

Il-fatti li jista' jkun hemm kunflitt fil-provi m'ghandux a priori jeskludi sejbien ta' htija ghall-akkuzi li jkunu gew dedotti. Kif inghad fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Graham Charles Ducker**, deciza fid-19 ta' Mejju 1997: "*It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one*". F'tali sitwazzjoni l-Qorti tkun obbligata timxi mal-

linji gwida stabbiliti mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Martin Mark Ciappara:** jew il-Gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ppruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timpronta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghall-piena jew ghal xi provvediment iehor.

L-istess linja ta' hsieb giet espressa mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef** moghtija fit-2 ta' Frar 2012:

> *"Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qeghdin jaghtu verzjoni differenti minn ohrajn illi xehdu qabel. B'daqshekk ma jfissirx illi ghax hemm xhieda differenti bil-fors hemm konflitt li ghandha twassal ghal liberatorja. Fil-kawza* ***Pulizija vs. Joseph Thorn*** *deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-9 ta' Lulju 2003, il-Qorti qalet '... mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti f'kaz ta' konflitt ta' provi, trid tevalwa il-provi skond il-kriterji annuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kap. 9 u tasal ghal konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex trid temmen jew ma temminx' (ara wkoll*

***Repubblika ta' Malta vs. Dennis Pandolfino** 19 t' Ottubru 2006)."*[1]

Maghmulin dawn l-esposizzjonijiet generali li huma ta' rilevanza ghal kull kaz, izda b'mod partikolari ghall-kaz odjern, il-Qorti sejra issa tghaddi biex tevalwa r-reati li bihom qieghed jigi akkuzat l-imputat u jekk tali akkuzi irrizultawx ippruvati.

Bhala parentezi din il-Qorti tissottolinea li hija mhix se tiehu in kunsiderazzjoni l-ebda dikjarazzjoni jew stqarrija li ta l-imputat stante li dawn ittiehdu minghajr mal-imputat kien inghata l-possibilita li huwa jkollu Avukat tal-fiducja tieghu prezenti ghal dawn. Dan ghaliex dan id-dritt ma kienx viġenti fiż-żmien tal-każ odjern. Fil-fatt dan id-dritt daħal fis-seħħ fit-28 ta' Novembru 2016, permezz tal- Avviż Legali 401 tal-2016. In vista tad-diversi pronuncjament guridici tal-Qrati taghna, id-dikjarazzjonijiet moghtija mill-imputat ghandhom jitqiesu li hija leziva tad-drittijiet tieghu u ghalhekk inammissibbli u ghalhekk din il-Qorti sejra tiskara tali stqarrija u dikjarazzjonijiet kif wkoll kwalunkwe riferenza ghall-istess stqarrija u dikjarazzjonijiet li saret referenza ghalihom fl-atti processwali.[2]

---

[1] Ara wkoll **Il-Pulizija vs. Patrick Mangion et** (deciza fis-17 ta' Settembru 2012), **Il-Pulizija vs. Michele sive Michael Fenech** (deciza fis-17 ta' Settembru 2012), **Il-Pulizija vs. Mohammed Mansur Ali** (deciza fl-24 ta' Jannar 2013), **Il-Pulizija vs. Mario Pace** (deciza fis-6 ta' Frar 2013) u **Il-Pulizija vs. Hubert Gatt** (deciza fil-11 ta' Lulju 2013); **Il-Pulizija vs Raymond Cassar** (deciza fit-13 ta' Jannar 2016).

[2] Ara sentenza ta' din il-Qorti kif preseduta fl-ismijiet Il-Pulizija vs Susan Bugeja deciza fl-erbgha (4) ta' Gunju 2019.

Din il-Qorti mhix f'pozizzjoni vantaggjuza hdejn Qrati ohra meta tigi biex taghmel apprezzament tax-xhieda u dan ghaliex hija ma ghexietx il-process tul medda ta' zmien u ghalhekk hija mhix f'pozizzjoni, li tanalizza l-komportament tax-xhieda kollha li xehdu viva voce, tezamina l-imgieba u l-komportament taghhom, stante li ma kinitx hi stess li kkonstatat x'interess seta' kellu xi xhud f'data li xehed u jekk dak li qal kellux mis-sewwa jew le.

**KONSIDERAZZJONIJIET LEGALI DWAR L-AKKUZI**

**(i) <u>Il-Kuncett ta' Negligenza</u>**

Fid-dottrina u l-gurisprudenza kontinentali jezistu zewg tejoriji partikolari dwar il-kuncett ta' negligenza: it-tejorija hekk imsejha oggettiva u dik suggettiva. It-test ghat-tejorija oggettiva mhux wiehed li hu immirat biex jistabilixxi jekk il-persuna ipprevedietx jew setghetx tipprevedi dak l-incident fil-*fatti specie* partikolari tal-kaz izda jekk l-agir ta' dik il-persuna jaqax taht l-obbligu ragjonevoli ta' attenzjoni li kull persuna fis-socjeta` hija prezunta li ghandu jkollha f'cirkostanza partikolari. Min-naha l-ohra t-tejorija suggettiva tenfasizza li wiehed jista' jitkellem fuq agir negligenti jekk ikun hemm nuqqas f'li wiehed ikun *alert* jew vigilanti bil-limitazzjonijiet tieghu personali f'dak il-kaz partikolari.

Il-Kodici Kriminali taghna fl-artikoli 225,[3] 226[4] u 328[5] jitkellem fuq *"nuqqas ta' hsieb, traskuragni, nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu*

[3] Artikolu 225: *"Kull min, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, jikkaguna l-mewt ta' xi hadd, jehel, meta*

*u nuqqas ta' tharis ta' regolamenti"*. Ma tezisti l-ebda spjegazzjoni tat-termini *"nuqqas ta' hsieb u traskuragni"*; madanakollu dawn generalment huma mehudin li jfissru bhala nuqqas ta' attenzjoni u ta' tehid ta' prekawzjonijiet li kienu mistennija f'cirkostanzi partikolari. Fir-rigward tat-termini *"nuqqas ta' hila fl-arti u professjoni tieghu"* u *"nuqqas ta' tharis ta' regolamenti"*, l-implikazzjoni ta' dawn il-frazijiet huma pjuttost cari u ma jhallu lok tal-ebda interpretazzjoni. Sakemm l-agir negligenti ma jinkwadrax ruhu taht xi wahda mill-parametri stabbiliti minn dawn l-artikoli tal-ligi, persuna ma tkunx tista` tigi misjuba hatja ta' negligenza ghal dak li

---

*jinsab hati, il-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn erba' snin jew multa mhux izjed minn hdax-il elf sitt mija u sitta u erbghin euro u sebgha u tmenin centezmu (11,646.87)."*

[4] L-Artikolu 226 jirreferi ghall-offizi li ma jwasslux ghall-mewt izda jarrekaw biss hsara gravi jew hafifa fuq il-persuna ta' l-individwu: *"Jekk minhabba l-fatti imsemmijin fl-ahhar artikolu qabel dan issir offiza fuq il-persuna, l-akkuzat, meta jinsab hati, jehel - (a) jekk l-offiza tkun gravi u ggib il-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218, il-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn sena jew multa mhux izjed minn erbat elef sitt mija u tmienja u hamsin ewro u hamsa u sebghin ewro centezmi (€4658.75); (b) jekk l-offiza tkun gravi minghajr il-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218, il-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn sitt xhur jew multa mhux izjed minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin ewro centezmi (€2329.37); (c) jekk l-offiza tkun hafifa, il-pieni stabbiliti ghall-kontravvenzjonijiet. (2) Fil-kazijiet imsemmijin fis-subartikolu (1)(c), il-procediment jista' jittiehed biss fuq kwerela tal-parti offiza.*

[5] L-artikolu 328 jaqra: "*Kull min, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, jikkaguna hruq, jew jaghmel xi hsara jew ihassar jew jgharraq xi haga, kif imsemmi f'dan is-sub-titolu, jehel, meta jinsab hati - (a) jekk minhabba f'hekk tigri l-mewt ta' persuna, il-piena stabbilita fl-artikolu 225; (b) jekk minhabba f'hekk xi hadd ibati offiza gravi fuq il- persuna, li tkun iggib il-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218, il-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn sitt xhur jew multa mhux izjed minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37); (c) jekk minhabba f'hekk xi hadd ibati offiza gravi minghajr il-konsegwenzi hawn fuq imsemmija, il-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn tliet xhur jew multa mhux izjed minn elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (1,164.69); (d) f'kull kaz iehor, il-piena ta' prigunerija ghal mhux izjed minn tliet xhur jew il-multa jew il-pieni tal-kontravvenzjonijiet: Izda fil-kazijiet imsemmijin fil-paragrafu (d), hlief meta l-hsara tkun kagunata fi proprjetà pubblika, jistghu jittiehdu procedimenti biss bil-kwerela tal-parti offiza."*

ghandu x'jaqsam mal-azzjoni kriminali. Inoltre tali agir negligenti jrid ikun per forza wassal sabiex giet arrekata hsara lill-persuna jew inkella xi proprjeta`. Dan ghaliex fl-artikoli 225, 226 u l-artikolu 328, il-hsara lill-persuna jew lill-proprjeta` hija indikata bhala wahda mill-elementi kostituttivi tar-reat.

Il-Kodici taghna huwa bbazat fuq il-Kodici Taljan tal-1889. Fil-kummentarju tad-disposizzjonijiet relattivi ghal negligenza ta' dan il-Kodici, awturi Taljani dejjem qiesu li ghandu jigi applikat it-test suggettiv.[6] Jekk wiehed iqis it-termini wzati fil-ligi taghna u cioe` *"nuqqas ta' hsieb u traskuragni"*, wiehed jista' jinnota li dawn huma termini li qeghdin jirreferu direttament ghall-attitudni soggettiva ta' min ikun hati tar-reat. Huwa necessarju ghalhekk li wiehed jindika jekk ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz kinux jippermettu lill-persuna involuta li tintebah bil-konsegwenzi tal-agir taghha.

Il-parti operattiva u essenzjali tal-akkuza principali li giet dedotta fil-konfront tal-imputat hija li kkaguna l-mewt ta' Catherine Fenech fl-1 ta' April 2017 wara incident tat-traffiku li sehh fid-9 ta' Marzu 2015 *"b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' regolamenti"*. Il-gurista Sir Anthony Mamo, fin-Noti tieghu, jispjega illi ghalkemm il-frazijiet *"nuqqas ta' hsieb"* u *"traskuragni"* m'humiex moghtija definizzjoni mil-ligi pero jkompli jghid li *"it is clear that by them the law means generally the absence of such care and precautions as it was the duty of the defendant to take in the circumstances"*[7].

[6] Ara Impallomeni, Vol III, pg 1662
[7] *Lectures in Criminal Law*, Vol 1, pg 69

Il-Professur Mamo jkompli jsostni li, *"the essence of negligence is made to consist in the "possibility of foreseeing" the event which has not been foreseen"*[8]. Sabiex jenforza t-tezi tieghu, Mamo jaghmel referenza ghat-taghlim ta' Francesco Carrara, u jikkwotah kif segwenti – *"Il non aver previsto la conseguenza offensiva sconfina la colpa dal dolo. Il non averla potuto prevedere, sconfine il caso dalla colpa"*[9].

Antolisei, fil-ktieb tieghu *Manuale di Diritto Penale (Parte Generale)*, jaghmel ukoll referenza ghal Carrara, u jghid hekk:

> *"Secondo la dottrina tradizionale che vanta origini antichissime e in questi ultimo tempi torna a prevalere, la colpa consiste nella prevedibilita' del risultato non voluto. Scrisse il Carrara: La colpa si definisce la volontaria omissione di diligenza nel calcolare le conseguenze possibili e prevedibili del proprio fatto. Dicesi conseguenza prevedibile, perche' l'essenza della colpa sta nella prevedibilita'".*[10]

Din hija t-tezi li dejjem giet accettata mill-Qrati taghna. Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Richard Grech***[11] gie deciz li jekk il-prudenza tikkonsisti billi persuna taghmel dak li hu ragonevolment mistenni minnha sabiex tipprevjeni l-konsegwenzi dannuzi ta' ghemilha, l-imprudenza tikkonsisti billi wiehed jaghmel avventatament dawk l-affarijiet li hu messu ppreveda li setghu jikkagunaw hsara. It-traskuragni, mill-banda l-ohra, timplika certa non-kuranza, certu abbandun kemm intellettiv

[8] ibid, pg 67 (sottolinear fit-test originali)
[9] ibid, pg 68 (sottolinear fit-test originali)
[10] Antolisei, *Manuale di Diritto Penale (Parte Generale)* (Giuffre', 1997, 14 ed) 364
[11] *Pulizija vs Richard Grech* (Appell Kriminali, 21/03/1996, De Gaetano)

kif ukoll materjali. Fiz-zewg kazijiet, pero', il-hsara tkun prevedibbli, ghalkemm mhux prevista: kieku kienet ukoll prevista, wiehed ikun qieghed fil-kamp doluz b'applikazzjoni tad-dottrina tal-intenzjoni pozittiva indiretta.

Fl-istess sentenza gie ritenut dak li kien diga ntqal fis-sentenza ***Il-Pulizija vs Perit Louis Portelli***[12], fejn saret ukoll, fost l-ohrajn, referenza ghal Giorgi:

> *"Hu mehtieg ghall-kostituzzjoni tar-reat involontarju skond l-art. 239 [illum 225] tal-Kodici Penali illi tirrikorri kondotta volontarja negligenti – konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb ("imprudenza"), traskuragni ("negligenza"), jew nuqqas ta' hila ("imperizia") fl-arti jew professjoni jew konsistenti specifikatament f'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti – li tkun segwita b'ness ta' kawzalita' minn event dannuz involontarju.*
>
> *Ghandu jigi premess illi, ghall-accertament tal-htija minhabba f'kondotta negligenti, ghandu jsir il-konfront tal-kondotta effettivament adoperata ma' dik ta' persuna li s-sapjenza rumana identifikat mal-"bonus pater familias", dik il-kondotta, cioe, illi fil-kaz konkret kienet tigi wzata minn persuna ta' intelligenza, diligenza u sensibilita' normali: kriterju li filwaqt li jservi ta' gwida oggettiva ghall-gudikant, ihallih fl-istess hin liberu li jivvaluta d-diligenza tal-kaz konkret. "La diligenza del buon padre di famiglia costituisce un criterio abbastanza indeterminato per lasciare al giudice gran liberta' di valutazione." (Giorgi, Teoria delle Obbligazioni, II, 27, p. 46)"*

[12] *Pulizija vs Perit Louis Portelli* (Qorti Kriminali, 04/02/1961, Kollez XLV.iv.870, Flores)

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-11 t'Ottubru 2012 fl-ismijiet : **Il-Pulizija v Peter Stroud**[13] il-Qorti ccitat dak illi qal **Archbold** fil-**Criminal Pleading, Evidence and Practice**:

> *"Where death results in consequence of a negligent act, it would seem that, to create criminal responsibility, the degree of negligence must be so gross as to amount to recklessness. . . Probably, of all the epithets that can be applied "reckless" most nearly covers the case ... but whatever epithet be used, and whether an epithet be used or not, in order to establish criminal responsibility, the facts must be such that . . . the negligence of the prisoner went beyond a matter of compensation between subjects and showed such disregard for the life and safety of others as to amount to a crime against the state and conduct deserving punishment..."*

Il-Qorti tirrileva li dak applikabbli fil-ligi Civili r-*res ipsa loquitur* (Il-fatti jitkellmu wehidhom) m'ghandiex applikazzjoni diretta fil-Ligi Kriminali izda kif intqal fil-kaz **Wilkinsons** f'para 5.52:

> "*the fact that res ipsa loquitor has no application to criminal law does not mean that the prosecution have to negative every possible explanation of a defendant before he can be convicted of careless driving where the facts at the scene of an accident are such that, in the absence of any explanation by the defendant, a court can have no alternative but to convict*".

[13] Appell Kriminali Numru. 225/2011 deciz mill-Imhallef Michael Mallia

Kif tajjeb gie osservat fil-kawza **Giuseppa Debono –vs- Philip Camilleri et**, Appell Civili, 23 ta' Frar 1962:

> *"Hu obbligu li kull driver jirregola s-sewqan skont il-kondizzjonijiet u c-cirkostanzi, bhal ma huwa l-hin ta' billejl, il-vizwali ostakolata bid-dlam u bix-xita, l-piz tal-vejikolu, l-istat tal-art, u rapporti ohra kontingenti; u hu anke dmir ta' driver li jzomm dik li komunement tissejjah 'a reasonable careful look-out' liema dmir igib mieghu li d-driver jara dak li jkun ragjonevolment vizibbli".*

Wara li qieset kollox, din il-Qorti se taghmel apprezzament ta' fatt u tasal ghall-konkluzjoni skont ic-cirkostanzi kollha migbura fil-process.

Illi huwa principju ben stabbilit li sewwieq ghandu l-obbligu li jzomm l-hekk imsejjah "*proper look out*". Gie ritenut li:

> *Hu dover ta' driver to see what is in plain view... u li min ma jarax dak li ragonevolment ghandu jara jfisser li ma kienx qed izomm a proper lookout... Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead – it includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist should have a view of the whole road from side to side and, in the case of a road passing through a built up area, of the pavements on the side of the road as well.*[14]

Illi l-istess Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet ukoll li

[14] **Pulizija vs Roderick Debattista**: Appell Kriminali deciz 26 ta'Mejju 2004

*... biex nuqqas ta' proper look out iwassal ghal responsabbilta' penali l-Qorti trid tkun sodisfatta illi kieku ma kienx ghal dak in-nuqqas dik il-hsara x'aktarx kienet tigi evitata jew x'aktarx li ma kinitx issehh f'dak il-grad li effettivement sehhet...*[15]

Illi dwar velocita' m'hemmx dubju li *speed* jista' jkun ecessiv anke jekk ma jiskorrix il-limiti regolamentari ghal dik il-lokalita' izda jiskorri dawk dedatti mill-prudenza u mill-fatturi ambjentali tal-mument.[16]

**Illi mill-ezamijiet maghmula jirrizulta illi l-imputat Emerson Vella skidja bil-konsegwenza li tilef il-kontrol tal-vettura u dan minhabba li kien ghaddej b'velocita' qawwija fuq l-art li kienet imxarba minhabba t-temp ta' dakinar[17]. L-espert tekniku ghalkemm jikkonkludi li l-imputat kien ghaddej b'velocita' qawwija ma wasalx ghal konkluzzjoni kemm kienet din il-velocita'.**

Fil-kaz ***R v L*** *[2011]* Toulson LJ sostna:

*"..it is ultimately for the jury to decide whether, considering all the evidence, they are sure that the defendant should fairly be regarded as having brought about the death of the victim by his careless driving. That is a question of fact for them. As in so many areas, this part of the criminal law depends on the collective good sense and fairness of the jury."*

---

[15] **Pulizija vs Joseph Grech**: deciza 6 ta' Gunju 2003
[16] **Pulizija vs Haden Vella** op cit
[17] Fol. 119

Fil-kaz **R v Hughes [2013] UKSC 56** intqal li:

> "*some act or omission in the control of the car, which involves some element of fault, whether amounting to careless or inconsiderate driving or not, and which contributes in some more than minimal way to the death of an individual.*"

**Jekk tirrizulta xi negligenza kontributorja, din in-negligenza kontributorja ghandha tittiehed in kunsiderazzjoni biss fil-kalibrar tal-piena li ghandha tigi erogata.**

Illi f'dan is-sens jikkommenta anke l-Antolisei:

> *Nell'ipotesi che con la colpa del soggetto attivo del reato concorra la colpa della persona offesa, da alcuni si parla di compensazione delle colpe, nel senso che la colpa dell'uno verrebbe annullata dalla colpa dell'altro. Cosi non si dovrebbe punire l'automobilista, se l'investimento sia dovuta anche alla colpa della vittima. Cio non puo' ammettersi, perche il principio della compensazione delle colpe, se vale nell'ambito del diritto privato, .... non ha diritto di cittadinanza nel campo penale. Qui la punizione e' reclamata da un interesse pubblico, quindi, dell'eventuale colpa della vittima il guidice terra' conto solo entro i limiti dei suo poteri discrezionali per l'applicazione concreta della pena*[18]

Il-Qorti waqt li qieghda tiddeciedi trid izzomm f'mohhha l-mistoqsija jekk l-agir tal-imputat kienx il-fattur li wassal għal dan l-incident stradali. Huwa jrid iwiegeb ghal dan l-agir tieghu

[18] Ref **Manuale di Diritto Penale Parte Generale** 1989 Giuffre pagna 332

indipendentement minn dak li seta' għamel ħaddieħor. Sabiex il-fattur kontributorju tat-terz jinnewtralizza r-responsabbilta' tal-imputat, dan il-fattur irid ikun dak li **<u>unikament u esklussivament</u>** iwassal għall-incident stradali. Fil-kamp penali, in-negliġenza kontributorja ma teħlisx lis-sewwieq jekk ma tkunx il-kawza unika tas-sinistru akkadut.

L-Archbold fil-parti fejn jitkellem dwar **Causing Death by Careless, or Inconsiderate Driving**[19] jghid li**:**

*The elements of this offence that the prosecution must prove are that:*

- *– the defendant was the driver;*
- *– the vehicle was being driven;*
- *– the vehicle was a mechanically propelled vehicle;*
- *– the vehicle was being driven on a road or other public place;*
- *– the vehicle was being driven without due care and attention; or*
- *– the vehicle was being driven without reasonable consideration for other persons using the road or place;*
- *– the death of another person is caused by that driving.*

[19] Archbold Magistrates' Courts Criminal Practice 2017 pg. 1261 para 17-41

***(ii)*** ***<u>L-Artikolu 15(1)(a) tal-Kap. 65 – Sewqan bla kont, traskurat u perikoluz</u>***

L-artikolu 15(1)(a) tal-Kap. 65 jistabilixxi li:

> *"Kull min - (a) isuq vettura bil-mutur jew vettura oħra mingħajr liċenza tas-sewqan jew vettura bil-mutur jew vettura oħra li ma jkollhiex liċenza, jew isuqha b'nuqqas ta' kont, bi traskuraġni, jew b'mod perikoluż, iżda ma tkun meħtieġa ebda liċenza dwar bicycle; jew (b) iġiegħel, iħalli jew jippermetti li l-vettura bil-mutur jew vettura oħra tiegħu tinsaq minn persuna li ma jkollhiex il-liċenza meħtieġa biex issuq vettura bil-mutur jew vettura oħra, ikun ħati ta' reat u jeħel, meta jinsab hekk ħati, il-piena tal-multa ta' mhux iżjed minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu."*

Il-legislatur ma jaghtix definizzjoni ta' x'jikkostitwixxi sewqan bla kont, traskurat jew perikoluz. Allura jispetta lill-gudikant li jaghti l-interpretazzjoni tieghu u jaghmel tajjeb ghal dan in-nuqqas tal-legislatur.

Ta' ghajnuna f'dan ir-rigward hija s-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Alfred Mifsud** tas-6 ta' Mejju 1997 (Riportata f'Volum LXXXI.iv.57) deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali.

Il-Qorti kienet irriteniet li:

> ***"Sewqan traskurat*** *(negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta'*

*esperjenza. Bhala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat.*

***Sewqan bla kont** hu deskritt fis-subartikolu (2) tal-imsemmi artikolu 15 bhala sewqan 'bi traskuragni kbira'. Din it-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira u tinkludi l-kazijiet fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu minhabba l-probabbilita' ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji.*

***Sewqan perikoluz** (dangerous driving) jirrikjedi li fil-kaz partikolari s-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghall-proprjeta' taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin u l-lokalita' ta' l-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel. Naturalment, sewqan f'kaz partikolari jista' jaqa' taht tnejn jew aktar minn dawn it-tliet forom ta' sewqan, f'liema kaz japplikaw id-disposizzjonijiet tal-ligi u d-dottrina in materja ta' konkors ta' reati. Ghall-finijiet ta' piena l-legislatur pogga s-sewqan bla kont u s-sewqan perikoluz fl-istess keffa. Ir-reat ta' sewqan traskurat hu kompriz u involut f'dak ta' sewqan bla kont u f'dak ta' sewqan perikoluz (ara **The Police vs Charlotte Chamberlain,** Appell Kriminali, 21/5/96)".*

Il-kwistjoni jekk sewqan jistax jigi klassifikat bhala negligenti, bla kont jew perikoluz hija kwistjoni purament ta' *"degree"*.

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Mario Gellel**, deciza fid-19 ta' Frar 2004 intqal li:

> *"...kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta, jekk sewqan hux (i) negligenti, jew (ii) bla kont jew (iii) perikoluz hi kwistjoni ta' 'degree' (App.* ***Krim. Pul. Vs Charles Bartolo,*** *14.3.59,* ***Pol. vs Wilson [Vol.*** *XXXIX iv. 1018] u* ***Pul. vs Alfred Vella*** *[Vol. XLIV,* ***p.*** *933]) u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta' taghhom (App.* ***Krim. Pul. vs Hardingham,*** *19.10.1963)."*
>
> *Gie wkoll ritenut li biex jintegra ruhu r-reat ta' sewqan perikoluz, hemm bzonn ta' certu grad ta' 'recklessness' (App. Krim.* ***Pul. vs Charles Farrugia*** *[Vol. XXXIX iv.9 78]). 'Recklessness' giet definita bhala 'wilfully shutting one's eye' (App. Krim.* ***Pul. vs Joseph Aquilina,*** *20.4.1963). Invece sewqan negligenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali (App. Krim.* ***Pul. vs Antonio Spiteri*** *[Vol. XLIV iv. 892])".*

Illi l-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet : **Jesmond Bonello vs Giulio Baldacchino**, deciza fil-15 ta' Jannar 1997 qalet illi:

> *".... f'materja ta' determinazzjoni ta' responsabbilta' ghall-incident awtomobilistiku l-Qorti ghandha dejjem tiggudika a bazi ta' dak li jirrizultalha li kienet il-kawza prossima w immedjata tieghu u tapplika ghalih ir-regoli li s-sewwieqa kienu obbligati*

*josservaw u jobdu. F'materja ta' sewqan huma r-regolamenti u t-tharis u l-ksur taghhom li jaddebitaw ir-responsabblita' u mhux l-ekwita' u gudizzju approssimattiv. Huma dawn ir-regolamenti li ghandhom jigu rigidament applikati. Dan biex jigi assigurat l-ordni, fir-rispett ta' l-istess regolamenti, li wahdu jista' jipprevjeni l-incidenti."* (ara wkoll il-kawza : **Amadeo Mea vs Carmelo Vella** (Appell Civili, 24 ta' Jannar 1966).

Il-Qorti tal-Magistrati (Malta) Gudikatura Kriminali kif preseduta fis-sentenza taghha : **Pulizija vs Clayton James Fenech**, deciza fit-23 ta' Mejju 2016 (Kaz. Nru. 1041/2011) qalet:

*"f'materja ta' incidenti stradali il-provi indizzjarji, hafna drabi jista' jkunu siewja ferm, u xi drabi jistghu anki jkunu siewja ferm aktar minn dawk okulari li, kultant jistghu ikunu biss soggettivi u kultant, u x'aktarx iva milli le, ikunu kuluriti b'dak li jissejjah 'esprit de voiture'. U mbaghad fejn ma jkunx hemm xhieda okulari li jistghu jiddeskrivu jew jispjegaw dak li gara, dawn il-provi indizzjarji, jistghu facilment u minghajr bzonn ta' hafna tigbid, jaghtu stampa cara tad-dinamika tal-incident. S'intendi, bhal kull prova indiretta ohra, jridu jkunu tali li jwasslu ghal konkluzzjoni univoka u li biha l-gudikant ikun moralment konvint lill hinn minn kull dubju dettat mir-raguni mill-htija jew responsabbilta' kriminali tal-imputat jew akkuzat ... hu dover tal-Qorti li tara jekk mill-assjem tal-provi cirkostanzjali jirrizultax b'mod li jkun sodisfatt il-konvinciment morali tal-gudikant sal-grad rikjest fil-process penali tirrizultax htija ta' sewqan hazin."*

Il-Qorti tal-Appell Kriminali b'mod partikolari l-wirt li hallielna dwar materji ta' traffiku l-Imhallef Joe Galea Debono u dan minhabba l-esperjenza twila li kellu bhala espert tat-traffiku qabel ma ssejjah biex iservi fil-Gudikatura huma gwida ghall-Qorti meta tkun qieghda tiddelibera dwar kazijiet bhal dan in ezami. L-Imhallef Galea Debono fil-kaz il-**Pulizija vs Luke Falzon**[20] deciz fis-18 ta' Ottubru 2007 jelenka numru ta' decizjonijiet u t-taghlim taghhom:

Fil-kaz **"Il-Pulizija vs. Giuseppe Galdes"** ([3.5.1953] Kollez. Vol. XXXVII iv. p.1108) gie ritenut li:- *"sabiex ikun hemm il-perikolu hemm bzonn li jkun hemm xi haga aktar mis-semplici vjolazzjoni ta' normi regolamentari, imma ma hemmx bzonn li l-manuvra tikkonkretizza ruha f'konsegwenzi dizastruzi. Il-ligi in tema ta' sewqan perikoluz tikkuntenta ruha bil-perikolu potenzjali u ma tridx il-perikolu tradott fir-realta'."*

Fl-appell kriminali "**Il-Pulizija vs. Claudia Camilleri**" [15.11.1996.] intqal li "il-fatti – inkluzi l-provi indizjarji – *"circumstantial evidence"* jistghu jkunu tali li l-gudikant ihossu moralment konvint li jista' jigbed certi konkluzzjonijiet minn dawk il-fatti …dak li fid-dottrina Ingliza jissejhu *"presumptions of fact"*. These are all inferences which may be drawn by the tribunal of fact."

Speed jista' jigi dedott mit-tul tal-*brake marks* (App. Krim. **"Il-Pulizija vs. A.I.C. Mortimer"** Vol. XL. iv. p.1282).

[20] Appell Kriminali Nru 287/07

**Sewqan taht l-effett tax-xorb**

Illi l-artikolu 15A tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta li ghaliha tirreferi wahda mill-imputazzjonijiet jaqra hekk:

> **"(1) Ebda persuna ma għandha ssuq jew tipprova ssuq jew ikollha l-kontroll ta' vettura bil-mutur jew vettura oħra li tkun fit-triq jew f'post pubbliku ieħor jekk ma tkunx f'kundizzjoni li ssuq minħabba xorb jew drogi. (2) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, persuna titqies li m'hijiex f'kundizzjoni li ssuq jekk il-kapaċità tagħha li ssuq sew tkun għal xi ħin imnaqqsa."**

Illi l-gurisprudenza tghallem li:

> **"Kif din il-Qorti kellha okkazzjoni tosserva fis-sentenza taghha tat-2 ta' Settembru, 1999 fl-ismijiet Il-Pulizija v. Francis Pace, biex jigi deciz jekk persuna kienitx qed issuq "meta l-kapacita` taghha li ssuq sew [kienet] ghal xi hin imnaqqsa" minhabba xorb (jew drogi) bi ksur ta' l-Artikolu 15A, wiehed jista' jiehu in konsiderazzjoni provi ohra, cioe` apparti mir-risultat o meno ta' l-analizi maghmula skond l-Artikolu 15E. Tali prova ohra tista' tinkludi il-komportament u l-kundizzjoni fizika tas-sewwieq, kif ukoll ir-risulatat tat-test (preliminari) tan-nifs maghmul taht l-Artikolu 15C. [21]**

[21] Il-Pulizija vs Marlon Montebello – App.Inf. – 09/02/2001

Illi l-gurisprudenza tghallem ukoll li ghalkemm ma hemmx necessarjament ness bejn ir-reat kontemplat fis-subartikolu (1) tal-Artikolu 15A tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta` Malta u l-fatt li l-analizi tan-nifs (a differenza tat-test tan-nifs) ikun inkomplet jew ma jsirx, madanakollu:

> **Meta l-ligi titkellem dwar "inkapacita` fizika jew mentali" qed tirreferi ghal inkapacita` li trid tezisti indipendentement mill-istat ta' intossikazzjoni li tkun fiha l-persuna li tintalab taghti l-kampjun, kif ukoll indipendentement mill-ansjeta` dovuta ghall-fatt li dik il-persuna tkun involuta f'incident awtomobilistiku."** [22]

Dak li jrid jigi stabbilit allura, skont it-taghlim gurisprudenzjali surriferiet huwa jekk l-kumpless tal-provi kenux sufficjenti sabiex iwasslu lill-Qorti jekk l-imputat kienx xurbana fil-waqt li kien qieghed isuq, u li l-istat tieghu ta' sokor kien tali li affettaw l-mod tas-sewqan tieghu.

<u>**Il-Prosekuzzjoni pruvat li l-imputat kien qieghed isuq b'livell ta' alcohol b'aktar minn dak stabilit mil-ligi 51mg/100ml u dan skont il-PIRS report li jinsab a fol. 111 sa 121 tal-Process Verbal bl-ircevuta[23] tar-rizultat tal-*breathalyser test* mehmuza mieghu.**</u>

[22] Ibid.

[23] Il-Qorti tappella li meta tkun esebita ircevuta ta' test tan-nifs kemm f'inkjesta kif ukoll f'kawza ghandu jkun hemm ukoll maghha kopja taghha ghaliex biz-zmien it-tip ta' karta li tintuza fl-apparat tat-test tan-nifs ma tibqax tinqara.

KONKLUZZJONIJIET DWAR L-IMPUTAZZJONIJIET

Maghmula dawn il-kostatazzjonijiet, huwa allura evidenti kemm mill-provi diretti, kif ukoll minn dawk cirkostanzjali li kien l-imputat li naqas milli jeżerċita dik d-diligenza mistennija minnu meta naqas milli izomm dik l-*proper lookout* f'cirkostanzi fejn it-temp ma kienx wiehed ideali. Dan is-sewqan tieghu zgur ghandu jitqies illi kien wiehed traskurat. Rigward l-ewwel imputazzjoni ma tistax tirrizulta ghaliex il-prosekuzzjoni ntrabtet mad-data tad-9 ta' Marzu 2015 meta sehhet il-mewt, meta din sehhet fl-1 ta' April 2017.

Fis-sentenza ta' ***Portelli***, l-Imhallef Guze' Flores osserva li ghall-accertament tal-htija minhabba f'kondotta negligenti, ghandu isir il-konfront tal-kondotta effettivament adoperata ma' dik ta' persuna li s-sapjenza rumana identifikat mal-*bonus pater familias*[24]; dik il-kondotta, cioè, illi fil-kaz konkret kienet tigi wzata minn persuna ta' intelligenza, diligenza u sensibilità normali. Anke Sir Anthony Mamo ikkwotat aktar 'l fuq, jghid li *[t]he law demands not that which is conceivably possible but that which is reasonable. Were men to act on any other principle but this, excess of caution would paralyse the business of the world.*

Wara li l-Qorti ezaminat il-provi, c-cirkostanzi sfortunati tal-kaz fejn il-vittma kienet fuq il-post tassisti lil binha li kien waqaf bil-karrozza, l-kundizzjonijiet tat-triq minhabba x-xita u l-gurisprudenza varja kkwotata aktar 'il fuq dwar il-*culpa* l-Qorti se issib lill-imputat hati tat-tieni (2) u t-tielet (3) imputazzjoni u dan

[24] Ara s-sentenza **Il-Pulizija vs Kevin Sammut** iccitata mill-Qorti aktar qabel.

ghaliex ried ikun hafna aktar attent f'cirkostanzi li m'humiex normali, ghalhekk il-kuncett tal-*proper lookout.*

Wara li qieset ir-regolamenti marbuta mat-traffiku, l-fatt li l-imputat kien qieghed isuq bl-effett tal-alcohol, l-imputat se jinstab hati ta' sewqan b'mod traskurat u bl-effett tal-alcohol inkwadrati fir-raba' (4), hames (5) u sitt (6) imputazzjoni.

**KONSIDERAZZJONIJIET LEGALI DWAR IL-PIENA**

Illi in linea generali jibda biex jinghad li:

> *"Il-piena m'ghandiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena.*[25]*"*

[25] Ref Ir-Republika ta' Malta vs Rene sive Nazzareno Micallef: Appell Kriminali deciz 28.11.2006.

Illi c-cirkostanzi ta' kull kaz huma partikolari ghal dak il-kaz u normalment ivarjaw radikalment mic-cirkostanzi ta' kull kaz iehor. Huwa impossibbli ghal-legislatur li jipprevedi dawn ic-cirkostanzi kollha u, a priori, jistabilixxi (ghal kull reat) piena specifika ghal kull sensiela ta' cirkostanzi differenti li fihom jista' jitwettaq dak l-istess reat.

Illi huwa propju ghalhekk illi ghal kull reat il-Ligi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu; jispetta lill-Qorti biex fid-diskrezzjoni taghha, u entro dawk il-parametri, teroga dik il-piena permezz ta' liema, skont ic-cirkostanzi ta' kull kaz, tipprova ssib dak il-bilanc gust bejn d-diversi skopijiet li ghandhom jintlahqu.

Fil-kaz **Il-Pulizija vs. Alfonso Abela**, deciza mill-Qorti tal-Appell[26] fl-10 ta' Marzu 2005 intqal:

> *"din il-Qorti fl-ewwel lok ma tarax li s-sentenza ta' prigunerija sospiza hija mizura opportuna w indikata fil-kaz ta' offizi involontarji f'incidenti tat-traffiku, ghaliex l-ghan ta' tali mizura jew sanzjoni, fil-fehma ta' din il-Qorti, hu li, fil-waqt li tati opportunita' ohra lill-kriminal qabel ma tibghatu l-habs, proprju li zzomm lill-kriminal milli jerga' jaqa' u jikkommetti xi tip ta' delitt bhas-serq, drogi , frodi li hu jkun abitwat fih u mhux biex ma jergax jahbat b'karozza jew itajjar li xi hadd involontarjament , esperjenza li ovvjament hadd zgur ma jkun ihobb jew jixtieq li jerga' jirripeti.*

[26] Appell Kriminali Nru. 253/04 deciz mill-Imhallef Joe Galea Debono

*Inoltre il-Qorti thoss li l-piena karcerarja hija indubbjament wahda sproporzjonata meta si tratta ta' incident stradali nvolontarju fejn ma jirrikorrux l-estremi tas-sewqan bla kont jew dawk tas-sewqan perikoluz.* ***<u>Din il-Qorti thoss li f'kaz ta' sewqan traskurat jew f' kaz ta' ksur tar-regolamenti tat-traffiku piena pekunjarja hija ferm aktar addattata w xierqa.</u>***" [Enfazi ta' din il-Qorti].

**DECIDE:**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17, 30(1), 31, 218, 225(1), 226(1)(a), 328(a) u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikoli 15(1)(a)(2), 15A(1), u 15B(1) tal-Kap 65, il-Qorti mhux issib lill-imputat hati tal-ewwel (1) imputazzjoni u minnha tilliberah, qieghda issib lill-imputat Emerson Vella hati tal-imputazzjonijiet 'l ohra addebitati fil-konfront tieghu cioe' t-tieni (2), t-tielet (3), r-raba' (4), l-hames (5) u s-sitt (6) imputazzjoni izda biss ta' sewqan traskurat u tikkundannah multa komplessiva ta' tliet elef ewro (€3,000).

Il-Qorti tilqa' t-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghall-hlas tal-esperti mahtura f'dawn il-proceduri u tikkundanna lil Emerson Vella biex ihallas elf, seba'

mija u erbgha u hamsin ewro u tnejn u disghin centezmu (€1,754.92)[27] u dan fi zmien tliet snin millum.

*Inoltre,* tiskwalifikah milli jkollu jew milli jikseb xi licenzja tas-sewqan ghal zmien sena minn nofs il-lejl tallum.

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**

[27] **DRITTIJIET ESPERTI TOTAL -** €1,754.92 maqsuma kif gej: PC1525 Patrick Farrugia €130.39, Perit Richard Aquilina €310.78, Joseph Zammit €599.13, Mario Buttigieg €472.52, Dr Mario Scerri €242.10.